MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1834/1997/1

**Bank of Valletta plc**[1]

**Vs**

**(1) Style in Art Limited**
**(2) Carmelo u Emanuel mizzewgin Borg**
**(3) Joseph u Alexandra mizzewgin Borg u**
**(4) Charles u Therese mizzewgin Attard**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-8 ta' Awissu 1997 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

---

[1] Il-Kelma "Limited" fl-isem tas-socjeta` attrici giet sostitwita bl-ittri "plc" in forza tad-digriet tal-Qorti tas-27 ta' Mejju 1998.

Premess illi s-socjeta` attrici Bank of Valletta plc ikkoncediet “Loan Facilities” lill-konvenuta socjeta` kummercjali Style in Art Limited;

Premess illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta` kummercjali Style in Art Limited fis-somma ta’ hmistax-il elf, seba’ mija u sebgha u erbghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm15,747.31) bilanc ghad-debitu f’ *Loan Accounts* ta’ Style in Art Limited mal-Bank of Valletta plc (Dok. “A” u Dok. “B1” sa “B32”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 1997 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Premess illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt ippubblikat min-Nutar Peter Fleri Soler datat 10 ta’ Lulju 1992 (Dok. “C”) il-konvenuti Carmelo u Emanuela mizzewgin Borg u Joseph u Alexandra mizzewgin Borg iggarantew flimkien u *in solidum* mas-socjeta` kummercjali Style in Art Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta plc, id-debiti ta’ l-istess socjeta` kummercjali Style in Art Limited mal-Bank of Valletta plc sal-valur ta’ ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000);

Premess illi permezz ta’ skrittura privata datata 21 ta’ Mejju 1992 (Dok. “D”), l-istess konvenuti Carmelo u Emanuela mizzewgin Borg u Joseph u Alexandra mizzewgin Borg kif ukoll il-konvenuti Charles u Theresa mizzewgin Attard iggarantew flimkien u *in solidum* mas-socjeta` kummercjali Style in Art Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta plc, id-debiti ta’ l-istess socjeta` kummercjali Style in Art Limited mal-Bank of Valletta plc sal-valur ta’ ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000);

U premess illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ erba’ ittri ufficcjali datati 27 ta’ Dicembru 1996 li kopja taghhom gew esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni u mmarkati Dok. “E”, Dok. “F”, Dok. “G” u Dok. “H”, sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` kummercjali Style in Art Limited, u lil Carmelo u Emanuela mizzewgin Borg, Joseph u Alexandra mizzewgin Borg u Charles u Therese mizzewgin Attard ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' hmistax-il elf, seba' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm15,747.31) bilanc ghad-debitu fil-*Loan Accounts* ta' Style in Art Limited mal-Bank of Valletta plc (Dok. "A" u Dok. "B1" sa "B32") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1997 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 27 ta' Dicembru 1996 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew pprezentati kontestwalment ma' l-att tac-citazzjoni kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo u Emanuela mizzewgin Borg ipprezentata fl-1 ta' Gunju 1998, li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi l-esponenti jeccepixxu preliminarjament ghaliex l-eccezzjonijiet iridu jinghataw *a limine litis* (a) il-beneficcju tad-diskussjoni u minghajr pregudizzju ghall-premess, (b) il-beneficcju tad-divizjoni;

2. Illi fil-meritu, salv illi jigi ppruvat l-ammont l-esponenti jistghu jkunu debituri tas-socjeta` attrici sa l-ammont ta' Lm10,000 kif ippremettiet l-istess socjeta` attrici u ghaldaqstant l-ammont mitlub fic-citazzjoni huwa esagerat u mhux dovut kollu mill-esponenti;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti Carmelo u Emanuela mizzewgin Borg u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Charles u Teresa mizzewgin Attard li permezz taghha huma eccepew:-

Illi l-esponenti ma kellhom jaghtu xejn lis-socjeta` attrici stante li huma qatt ma kkostitwew rwiehhom personalment bhala debituri taghha u lanqas bhala garanti tas-socjeta` Style in Art Limited;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti konjugi Attard u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tas-27 ta’ Mejju 1998 li permezz tieghu l-isem tas-socjeta` attrici gie korrett fis-sens illi l-kelma “Limited” fl-isem taghha giet sostitwita bl-ittri “plc” kull fejn tirrikorri fl-Atti;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Novembru 1998 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Censu Galea biex jisma’ l-provi kollha tal-partijiet u l-kontro-ezamijiet necessarji;

Rat id-digriet tat-3 ta’ Novembru 2000 li bih gie revokat l-inkarigu moghti lil Dr. Censu Galea u wara giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat id-digriet tas-26 ta’ Ottubru 2001 li bih gie allegat il-process tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 554/98 FDP kif ukoll li l-atti migjuba fl-atti tal-mandat imsemmi jkunu jikkostitwixxu prova fl-atti ta’ din il-kawza;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza maghmula mill-avukati difensuri tal-partijiet fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2004;

Rat l-atti kollha tal-process odjern kif ukoll dawk fl-atti tal-Mandat fuq imsemmi;

Ikkonsidrat:

Fuq il-fatti kif allegati jirrizultaw mill-atti processwali dawn ir-riljevi:-

(1) Il-Banka attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji (*overdraft*) lis-socjeta` konvenuta Style in Art Limited. Sal-mument li l-Bank ghamel is-sejha ghall-pagament permezz ta' ittra ufficcjali tas-27 ta' Dicembru 1996 (fol. 44) is-socjeta` konvenuta msemmija kellha trodd is-somma ta' Lm15,007.75. Somma din li zdiedet ghal Lm15,747.31 fil-mument tal-prezentata ta' l-azzjoni fit-8 ta' Awissu 1997;

(2) Il-konvenuti Joseph Borg, Charles Borg u Charles Attard personalment iggarantew il-prestazzjoni tal-facilitajiet bankarji lis-socjeta` imsemmija, u li taghha kienu azzjonisti u diretturi (ara kopja ta' l-Istatut tal-kumpanija a fol. 139), permezz ta' att ta' Garanzija datat 21 ta' Mejju 1992 sottoskritt minnhom u minn rapprezentanti tal-Bank (fol. 42);

(3) Hu accettat mill-konvenut Charles Attard illi l-ewwel *overdraft facility* ittiehdet fit-23 ta' Mejju 1992, jigifieri jumejn fuq li kien iffirmat id-dokument tal-garanzija. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 52 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 554/98, allegat mal-process odjern b' digriet tal-Qorti tas-26 ta' Ottubru 2001 (fol. 112);

(4) B' kuntratt datat 10 ta' Lulju 1992 atti Nutar Peter Fleri-Soler (fol. 38), il- koncessjoni tal-facilitajiet bankarji giet formalizzata bil-partecipazzjoni tal-konvenuti Carmelo

u Emanuela konjugi Borg u ta’ Joseph Borg bhala “*sureties*”;

(5) Mill-kopji ta’ l-ittri ufficcjali lkoll datati 27 ta’ Dicembru 1996 (fol. 45 sa fol. 47), debitament notifikati kif jidher mir-riferti, jirrizulta li l-konvenuti personalment gew imsejha jhallsu u jiskontaw id-debitu tas-socjeta` taghhom sa l-ammont ta’ ghaxart elef lira (Lm10,000) u kull ammont addizzjonali ghall-interessi u spejjez minnhom garantit skond klawsola 2 tad-dokument imsemmi a fol. 42;

Premessi dawn il-fatti jigi notat qabel xejn illi l-konvenuti Joseph u Alexandra mizzewgin Borg, ghalkemm notifikati bl-att tac-citazzjoni fit-13 ta’ Lulju 1998 (ara riferta a fol. 62) baqghu ma wegbux ghaliha u ghalhekk dawn huma fi stat kontumacjali. Ugwalment japplika fil-kaz tas-socjeta` konvenuta, li baqghet ma rrispondietx ghat-talbiet attrici nonostante n-notifika lilha ta’ l-att promotur fil-11 ta’ Mejju 1998 (fol. 49); Il-Qorti ser tghaddi ghalhekk biex tikkonsidra d-difizi sottomessi mill-konjugi Carmelo u Emanuela konjugi Borg u minn Charles u Teresa mizzewgin Attard personalment fl-eccezzjonijiet taghhom a fol. 54 u fol. 64 rispettivament;

L-opposizzjoni tal-konjugi Carmelo u Emanuela Borg hi bazata fuq zewg konsiderazzjonijiet. In linea preliminari huma eccepew l-beneficcju tad-diskussjoni u tad-divizjoni. Fit-tieni lok li l-ammont mitlub hu esagerat u mhux dovut kollu minnhom. Invece l-konjugi Attard jillimitaw ruhhom, b’ difiza, ghall-affermazzjoni li huma ma dahlux garanti ghas-socjeta` debitrici;

Jibda biex jigi precizat b’ introduzzjoni ghas-suesposti eccezzjonijiet illi, fit-termini tad-definizzjoni koncepita fl-Artikolu 1925 tal-Kodici Civili, il-figura guridika tal-garanzija tissussisti fejn wiehed jobbliga ruhu li jhallas id-dejn ta’ haddiehor fil-kaz li dan ma jhallasx dak id-dejn. Il-garanzija hi ghalhekk essenzjalment accessorju in kwantu l-fidejussur ma jintrabatx bhad-debitur b’ mod principali

izda ghall-kaz biss li d-debitur ma jissodisfax l-obbligu tieghu (**Kollez. Vol. XLI P II p 924**). Tali kuntratt hu unilaterali u gratuwitu ghaliex mentri l-fidejussur ikun qieghed jassumi personalment l-obbligu tal-hlas tad-dejn tad-debitur principali, il-kreditur min-naha l-ohra ma jkunx qieghed jassumi ebda obbligu (Ara **Kollez. Vol. XXVIII P I p 406**);

Jissokta jigi osservat illi l-*causa* ta' dan il-kuntratt hi dik li tirrafforza t-tutela ta' l-interessi tal-kreditur billi tallarga l-harsien ta' drittijietu fuq il-beni tal-garanti. Dan in kwantu il-fidejussur ikun qed jaggungi l-obbligazzjoni accessorja tieghu ma' l-obbligazzjoni tad-debitur principali. Kif dezunt mill-Artikolu 1928 tal-Kodici Civili, l-interess tad-debitur principali fil-krejazzjoni ta' tali obbligazzjoni da parte tal-fidejussur hi guridikament irrilevanti ghar-raguni li mhumiex mehtiega la l-kunsens preventiv u lanqas l-accettazzjoni tieghu. Ghall-att kostituttiv innifsu interkors bejn il-kreditur u l-fidejussur huwa jista' jibqa' estraneju. Opportunement, ghar-riflessjonijiet aktar ampji fuq is-suggett qed issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Oreste Brincat *nomine* -vs- Perit u Arkitett Carmelo Falzon *et proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 17 ta' Gunju 1991;

Hi ligi wkoll, ex-Artikolu 1929 Kodici Civili, illi l-volonta` ta' l-assunzjoni ta' l-obbligazzjoni fidejussorja ma tistax tkun prezunta izda ghandha tkun espressa b' mod li mill-ligi hi eskluza l-fidejussjoni tacita, dezunta biss mic-cirkostanzi (**Kollez. Vol. XLIV P II p 746**). Mhux mehtieg li din l-espressjoni ta' volonta` tkun tokkorri f' xi forma solenni izda hu bizzejjed li din tkun manifesta u inekwivokabbli;

Fermi s-suesposti enuncjazzjonijiet, bi twegiba ghall-eccezzjoni tal-konjugi Attard din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi din hi ghal kollox insostenibbli;

Huwa car minn ezami tad-dokument a fol. 42, kif ukoll mix-xhieda prodotti mill-Banka attrici fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni, illi l-garanzija kienet intiza biex l-azzjonisti tal-kumpanija, beneficcjarja tal-*loan facility*, ikopru u jharsu l-

interessi tal-Bank mutwant billi fuq formola *standard* jissottoskrivu, b' obbligazzjoni personali taghhom u sa l-ammont prestabbilit fi klawsola 2 tal-"*Guarantee*", il-facilitajiet kreditizji koncessi lis-socjeta` taghhom. L-ispjega fornita mill-konvenut Charles Attard illi hu ffirma f' isem il-kumpanija u mhux f' ismu personalment hi mhux biss inawdita izda sahansitra tirripunja ghall-intelligenza u d-dehen ta' din il-Qorti. Hu kjarament distingwibbli mill-istess dokument illi dan il-konvenut, fl-istess mod ta' l-azzjonisti l-ohra, kien hu stess in veste proprja qed jiggarantixxi li jaghmel tajjeb lill-Bank "*in consideration of your giving time credit and/or banking facilities and accomodation to Style in Art Limited*";

Din il-Qorti ma tistax, bl-ebda ragonament, taccetta l-argoment, jew ahjar skuzanti, illi l-firma tieghu fuq dan id-dokument kienet indikattiva li hu kien qed jaghmel dan "*for and on behalf of the company*". Ibda biex mhux koncepibbli li l-beneficcjarja tal-*loan* tiffigura hi stess bhala garanti fuq dokument ta' Garanzija. Fit-tieni lok din il-Qorti qed tilqa' bhala korrispondenti ghar-realta` u l-verita` dak dikjarat mix-xhud Valerio Dalmas (fol. 32 ta' l-atti tal-mandat) fejn, testwalment riprodott, jistqarr dan: "Nispjega illi din il-formola tintuza kemm jekk persuna individwali tkun ser taghmel il-garanzija ghal xi dejn li nkunu ser inhallsu kif ukoll fil-kaz illi tkun kumpanija li tkun qeghda taghti l-garanzija taghha ghal *loan* li nkunu qed naffettwaw. Nispjega li ahna nkunu bdejna minn dawn l-ismijiet li ghadni kif semmejt u nibqghu ghaddejjin l-isfel wiehed wara l-iehor. Dan jispjega ghaliex l-isem Charles Attard qieghed taht il-kolonna tal-kumpanija";

In bazi ghal din l-ispjegazzjoni u tal-provi l-ohra forniti permezz tax-xhieda ta' Charles Warren Falzon (fol. 25) u ta' Anthony Formosa (fol. 38), l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti konjugi Attard qed tigi respinta, anke ghaliex din ma tikkorrispondix ghar-realta` ta' dak li tassew sehh;

Kwantu ghal qaghda ta' Teresa Attard, mart l-imsemmi konvenut, irid jinghad illi fl-istat tal-ligi kif kienet dakinhar li saret il-Garanzija u nghataw il-facilitajiet bankarji, jigifieri

anterjorment ghall-emendi apportati ghall-Kodici Civili bl-Atti XXI ta' l-1993 u IV ta' l-1995, l-att ta' Garanzija ma kienx imiss liz-zewg mizzewgin flimkien. Fl-istat tal-ligi kif kienet il-firma tal-konvenut Charles Attard wahdu kienet tibbasta biex torbot lill-komunjoni ta' l-akkwisti;

Spustat it-terren fir-rigward ta' l-unika eccezzjoni tal-konjugi Attard, jifdal li jigu konsidrati l-eccezzjonijiet ta' Carmelo u Emanuela Borg, anke jekk dawn ghazlu li ma jixhdux;

Issa huwa veru li l-garanti hu obbligat biss ghall-hlas meta jonqos id-debitur principali li ghandu qabel xejn jigi eskuss fuq il-beni tieghu. Dan johrog bil-wisq car mid-dispost ta' l- Artikolu 1934 tal-Kapitolu 16. Dejjem s' intendi salv dak enuncjat fis-sentenza riportata a **Vol. XXV P II p 286**, jigifieri illi "*l' escussione eccepita dal fideiussore ... non deve essere troppo lunga e troppo difficile, ma deve essere breve e facile*";

Dan precizat, daqstant iehor pero` huwa kristallin illi din tibqa' hekk il-posizzjoni fil-kaz biss li si tratta ta' garanzija semplici. Fil-kaz in ezami, ghall-kuntrarju, l-obbligazzjoni assunta mill-fidejussori hi wahda solidali ossija "*jointly and severally with the Principal*" kif hekk jermergi mill-att tal-Garanzija (fol. 42). Meta hekk inhi s-sitwazzjoni lill-fidejussorju mhux koncess il-beneficcju ta' l-eskussjoni. Dan ghal motiv estratt mis-subinciz (b) ta' l-Artikolu 1935 tal-Kodici Civili;

F' dan il-kaz ukoll jirrizulta li hemm pluralita` ta' fidejussori li assumew il-garanzija *ad unum debitum* u ma jidherx ghalhekk li l-Banka kreditrici zammet distinta u separata l-obbligazzjoni ta' wiehed minn dik ta' l-ohrajn;

Minn dan huwa lecitu li jinghad li l-ewwel eccezzjoni in kwantu ghall-aspett tal-beneficcji pretizi ma tistax tigi akkordata;

Kwantu ghat-tieni eccezzjoni jigi ribadit illi l-eccipjenti msemmija ma xehdux u ghalhekk din il-Qorti mhix in grad li ssostni t-tezi taghhom li l-ammont mitlub hu esagerat u mhux dovut minnhom. Anke kieku kellha pero` din il-Qorti tikkummenta dwar l-ammont mitlub mill-Banka attrici ma ssibx li ma ghandhiex tammetti t-talba dwarhom. Anzi fil-hsieb tal-Qorti jidher li r-rendikonti esebiti minn fol. 5 sa fol. 37 jirriflettu, anke in vista tan-nuqqas serju tal-kontestazzjoni, il-korrettezza tal-komputazzjoni dwar l-ammont reklamat. Komputazzjoni li jidher li hadet konjizzjoni tas-sistema bankarja fil-kaz ta' konti kurrenti senjatament l-interessi rikuperabbli. Dan fir-rispett tal-gurisprudenza affermata, *ad exemplum*, "**Cecil Busuttil *nomine* -vs- Alfred Spiteri Debarro**", Qorti tal-Kummerc, per Imh. George Schembri, 15 ta' Jannar 1979 u "**Bank of Valletta Limited -vs- Anna's Trading Co. Ltd *et***", Appell, 6 ta' Dicembru 2002;

Anke allura l-eccezzjoni ta' dawn il-konvenuti fuq dan il-punt ma tistax tircievi akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja c-cahda ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo u Emanuela mizzewgin Borg u ta' Charles u Teresa mizzewgin Attard, tilqa' t-talba tal-Banka attrici kif dedotta u b' hekk tikkundanna lis-socjeta` kummercjali Style in Art Limited u lill-konvenuti l-ohra kollha jhallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lill-istess Banka attrici s-somma ta' hmistax-il elf, seba' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm15,747.31) bilanc tad-debitu ghal *Loan Accounts* ta' Style in Art Limited mal-Bank of Valletta plc flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1997 sad-data tal-pagament effettiv;

L-ispejjez gudizzjarji jitbatew mill-konvenuti flimkien.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------